

II

(Atti mhux legiſlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) Nru 554/2010

tal-24 ta' Ġunju 2010

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2488/2000 li jżomm fondi ffriżati fejn għandu x'jaqsam is-Sur Milosevic u dawk il-persuni assoċjati miegħu

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 215 (2) tiegħu,

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 2488/2000 huwa emendat kif ġej:

Wara li kkunsidra l-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2000/599/PESK tad-9 ta' Ottubru 2000 dwar appoġġ lil FRY demokratika u t-tneħħija immedjata ta' ċerti miżuri restrittivi ⁽¹⁾, u għall-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2000/696/PESK tal-10 ta' Novembru 2000 fuq il-manteniment ta' miżuri speċifiċi restrittivi indirizzati kontra s-Sur Milosevic u persuni assoċjati miegħu ⁽²⁾,

(1) Il-paragrafu 2 tal-Artikolu 2 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

“2. Kwalunkwe informazzjoni li d-disposizzjonijiet ta' dan ir-Regolament qed ikunu, jew kienu elużi għandha tiġi notifikata lill-awtoritajiet kompetenti kif indikat fil-websites elenkati fl-Anness II u/jew lill-Kummissjoni.”;

Wara li kkunsidra l-proposta konġunta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u mill-Kummissjoni,

(2) L-Artikolu 3 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

Billi:

“Artikolu 3

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2488/2000 tal-10 Novembru 2000 li jżomm fondi ffriżati fejn għandu x'jaqsam is-Sur Milosevic u dawk il-persuni assoċjati miegħu ⁽³⁾ ikkonferma ċerti miżuri restrittivi f'konformità mal-Pożizzjoni Komuni 2000/599/PESK u l-Pożizzjoni Komuni 2000/696/PESK.

1. Mingħajr preġudizzju għar-regoli applikabbli dwar ir-rappurtar, il-kunfidenzjalità u s-segretezza professjonali, il-persuni fiżiċi u ġuridiċi, l-entitajiet u l-korpi għandhom:

(2) Huwa adatt li r-Regolament (KE) Nru 2488/2000 jiġi allinjat mal-iżviluppi reċenti fil-prattika tas-sanzjonijiet, minn naħa waħda fir-rigward tal-identifikazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti u min-naħa l-oħra fir-rigward tal-Artikolu dwar il-ġurisdizzjoni tal-Unjoni.

(a) jipprovdu immedjatament kwalunkwe informazzjoni li tiffaċilita l-konformità ma' dan ir-Regolament, bħal kontinġent u ammonti ffriżati f'konformità mal-Artikolu 1, lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kif indikat fil-websites elenkati fl-Anness II għall-pajjiż fejn huma residenti jew ikunu jinstabu, u għandhom jittrażmettu din l-informazzjoni, direttament jew permezz tal-awtorità kompetenti kif indikat fil-websites elenkati fl-Anness II, lill-Kummissjoni; u

(3) Ir-Regolament (KE) Nru 2488/2000 għandu jiġi emendat kif meħtieġ,

(b) jikkooperaw ma' dik l-awtorità kompetenti fi kwalunkwe verifika ta' din l-informazzjoni.

⁽¹⁾ ĠU L 261, 14.10.2000, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 287, 14.11.2000, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 287, 14.11.2000, p. 19 (MT: Edizzjoni Speċjali: Kap 10, Vol 1, p. 238).

2. Kwalunkwe informazzjoni addizzjonali li l-Kummissjoni tirċievi direttament għandha titqiegħed għad-disponibbiltà tal-Istat Membru kkonċernat.

3. Kwalunkwe informazzjoni li tiġi pprovduta jew li tasal skont dan l-Artikolu għandha tintuża biss għall-finijiet li għalihom tkun nġhatat jew waslet.”;

(3) Il-paragrafi 2 u 3 tal-Artikolu 4 għandhom jiġu sostitwiti b'dan li ġej:

“2. Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa:

(a) li temenda l-Anness I, billi tqis id-deċiżjonijiet li jimplementaw il-Pożizzjoni Komuni 2000/696/PESK,

(b) fuq bażi eċċezzjonali, li tagħti eżenzjonijiet għall-Artikolu 1 għal finijiet strettament umanitarji,

(ċ) li temenda l-Anness II abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri.

3. Kwalunkwe talba minn persuna għall-eżenzjoni msemmija fil-paragrafu 2 (b) jew għal emenda tal-Anness I, għandha ssir permezz tal-awtoritajiet kompetenti kif indikati fil-websites elenkati fl-Anness II.

L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom jivverifikaw, bl-aktar mod sħiħ, l-informazzjoni pprovduta mill-persuni li jagħmlu talba.”;

(4) Għandu jiddaħħal l-Artikolu 8a li ġej:

“Artikolu 8a

1. L-Istati Membri għandhom jaħtru l-awtoritajiet kompetenti msemmija fl-Artikoli 2, 3 u 4 u jidentifikawhom fil-websites elenkati fl-Anness II. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar kwalunkwe bidla fl-indirizzi tal-websites tagħhom elenkati fl-Anness II qabel ma jidħlu fis-seħħ dawn il-bidliet.

2. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bl-awtoritajiet kompetenti tagħhom, inklużi d-dettalji ta' kuntatt ta' dawk l-awtoritajiet kompetenti, sal-15 ta' Lulju 2010 u għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni mingħajr dewmien bi kwalunkwe emenda sussegwenti.”;

(5) L-Artikolu 10 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 10

Dan ir-Regolament għandu japplika:

(a) fit-territorju tal-Unjoni, inkluż l-ispażju tal-ajru tagħha;

(b) abbord kwalunkwe inġenju tal-ajru jew kwalunkwe bastiment li jaqa' taħt il-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru;

(ċ) għal kwalunkwe persuna fit-territorju tal-Unjoni jew barra minnu, li hija ċittadina ta' Stat Membru;

(d) għal kull persuna ġuridika, entità jew korp li huwa inkorporat jew kostitwit taħt il-liġi ta' Stat Membru;

(e) għal kwalunkwe persuna ġuridika, entità jew korp fir-rigward ta' kwalunkwe negozju li jsir kompletament jew parzjalment fl-Unjoni.”;

(6) L-Anness II huwa s-sostitwit bit-test fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Lussemburgu, l-24 ta' Ġunju 2010.

Għall-Kunsill

Il-President

J. BLANCO LÓPEZ

ANNEX

"ANNEX II

Il-websites li jipprovdu informazzjoni dwar l-awtoritajiet kompetenti msemmija fl-Artikoli 2, 3 u 4 u l-indirizzi għan-notifiki u t-talbiet lill-Kummissjoni Ewropea

BELĠJU

<http://www.diplomatie.be/eusanctions>

BULGARIJA

<http://www.mfa.government.bg>

REPUBBLIKA ĊEKA

<http://www.mfcr.cz/mezinarodnisankce>

DANIMARKA

<http://www.um.dk/da/menu/Udenrigspolitik/FredSikkerhedOgInternationalRetsorden/Sanktioner/>

ĠERMANJA

<http://www.bmwi.de/BMWi/Navigation/Aussenwirtschaft/Aussenwirtschaftsrecht/embargos.html>

ESTONJA

http://www.vm.ee/est/kat_622/

IRLANDA

<http://www.dfa.ie/home/index.aspx?id=28519>

IL-GREĊJA

<http://www.mfa.gr/www.mfa.gr/en-US/Policy/Multilateral+Diplomacy/Global+Issues/International+Sanctions/>

SPANJA

<http://www.maec.es/es/MenuPpal/Asuntos/SancionesInternacionales/Paginas>

FRANZA

<http://www.diplomatie.gouv.fr/autorites-sanctions/>

ITALJA

<http://www.esteri.it/UE/deroghe.html>

ĊIPRU

<http://www.mfa.gov.cy/sanctions>

LATVJA

<http://www.mfa.gov.lv/en/security/4539>

LITWANJA

<http://www.urm.lt/sanctions>

LUSSEMBURGU

<http://www.mae.lu/sanctions>

UNGHERIJA

http://www.kulugyminiszterium.hu/kum/hu/bal/Kulpolitikank/nemzetkozi_szankciok/felelos_illetekes_hatosagok.htm

MALTA

http://www.doi.gov.mt/EN/bodies/boards/sanctions_monitoring.asp

IL-PAJJIŻI L-BAXXI

http://www.minbuza.nl/nl/Onderwerpen/Internationale_rechtsorde/Internationale_Sancties/Bevoegde_instanties_algemeen

AWSTRIFA

http://www.bmeia.gv.at/view.php?f_id=12750&LNG=en&version=

POLONJA

<http://www.msz.gov.pl>

PORTUGALL

<http://www.mne.gov.pt/mne/pt/AutMedidasRestritivas.htm>

RUMANIJA

<http://www.mae.ro/index.php?unde=doc&id=32311&idlnk=1&cat=3>

SLOVENJA

http://www.mzz.gov.si/si/zunanja_politika/mednarodna_varnost/omejevalni_ukrepi/

SLOVAKKJA

<http://www.foreign.gov.sk>

FINLANDJA

<http://formin.finland.fi/kvyhteistyo/pakotteet>

ŻVEZJA

<http://www.ud.se/sanktioner>

RENJU UNIT

<http://www.fco.gov.uk/en/about-us/what-we-do/services-we-deliver/business-services/export-controls-sanctions/>

Indirizz għan-notifiki u talbiet lill-Kummissjoni Ewropea:

European Commission
DG External Relations
Directorate A. Crisis Platform and Policy Coordination in Common Foreign and Security Policy
Unit A2. Crisis Response and Peace Building
CHAR 12/106
B-1049 Bruxelles/Brussel (Belgium)

E-mail: relex-sanctions@ec.europa.eu
Tel. (32 2) 295 55 85
Fax (32 2) 299 08 73"
